# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sebgħa u għoxrin (27) ta' April 2021**

**Rikors Numru 756/19 FDP**

Fl-ismijiet

**John Mary sive Jimmy Fsadni et**

**Vs**

**Anthony Bezzina et**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 5 ta' Awissu 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu s-segwenti:

    1. *Peress illi l-intimati, permezz ta' pretensjonjiet li huma għamlu mar-rikorrenti, dwar xi allegat servitu ta' air vents fid-drajv ta' garaxx, liema drajv hija propjeta esklussiva tar-rikorrenti, konnessa mal-garaxx f'basement level mingħajr isem jew numru uffiċjali, internament immarkat bin-numru sitta (6), formanti parti minn kumpless ta' garaxxijiet aċċessibbli minn entratura bin-numru mija wieħed u disgħin (191) Triq Dun Mikiel Xerri Attard, jew kif aħjar deskritt fil-att pubbliku datat nhar 02 ta' Novembru 2004 pubblikat fl-atti tan-nutar Dottor Joseph Debono, liema garaxx f'basement level huwa propjeta tal-intimati, qegħdin jivvessaw lir-rikorrenti u qed*

*jivvantaw drittijiet u/jew ksur ta' drittijiet li huma jippretendu li għandhom.*

2. *Peress illi r-reklami u l-aġir daparte tal-intimati qiegħed jivvessa lir-rikorrenti u qiegħed jikkawża danni inġenti stante lir-rikorrenti ma jistgħux jutilizzaw il-propjeta' tagħhom, ċioe' d-drajv ta' garaxx, kif jixtiequ għalhekk r-rikorrenti għandhom interess li jilliberaw ruħhom minn din il-millantazzjoni tal-intimati.*

3. *Jgħidu għalhekk l-intimati għaliex din il-Qorti ma għandhiex;*

   i. *tipprefiġġi terminu ta' mhux aktar minn tlett xhur, lill-intimati, sabiex dawn jiddeduċu l-pretensjonijiet tagħhom u jieqfu jivvessaw lir-rikorrenti u;*

   ii. *li fil-każ li l-intimati ma jiddeduċux il-pretensjonijiet tagħhom fit-terminu lilhom preskritt, għandu jiġi impost lill-intimati is-silenzju perpetwu billi jiġi għalhekk lilhom impedut li jkomplu jivvessaw lir-rikorrenti u li qatt jipproċedu b'dawn il-pretensjonijiet immaġinarji tagħhom.*

4. *B'riserva ta' kwalsiasi azzjoni oħra spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti li minn issa jibqgħu inġunti għas-subizzjoni tagħhom.*

2. Rat illi fl-10 ta' Settembru 2019 il-konvenuti irrispondew għal dak mitlub billi qajmu s-segwenti difiżi:

   1. *L-azzjoni ta' jattanza proposta mill-atturi mhijiex ammissibbli billi l-eċċepjenti aġixxew b'reazzjoni provokata mill-pretensjonijiet u l-azzjonijiet tal-istess atturi, u saret b'neċessita' u kawtela ġuridika għall-konservazzjoni, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-istess eċċepjenti.*

      *L-atturi abbużivament u kontra l-volonta tal-eċċepjenti, qabdu w imbarraw l-air vents, li jagħtu d-dawl u l-arja fil-garaxx tal-eċċepjenti. L-eċċepjenti kellhom neċessarjament jirreaġixxu kontra l-att spoljattiv tal-atturi biex jipproteġu d-drittijiet tagħhom u jżommu l-istatus quo.*

   2. *F'kull każ u bla preġudizzju, t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż billi ma jirrikorrux l-elementi meħtieġa biex tirnexxi l-azzjoni tentata minnhom.*

   3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Provi:**

3. Rat l-affidavit ta' **John Mary sive Jimmy Fsadni** ippreżentat fl-24 ta' Ottubru 2019 (fol 25).

4. Rat l-affidavit ta' **Mary Fsadni** ippreżentat fl-20 ta' Novembru 2019 (fol 30).

5. Semgħet ix-xhieda tan-**Nutar Joseph Debono** mogħtija fl-20 ta' Novembru 2019 (fol 32) w il-kuntratt ta' akkwist datat 2 ta' Novembru 2004 (fol 34).

6. Semgħet ix-xhieda ta' **Anthony Bezzina** mogħtija fl-20 ta' Novembru 2019 (fol 32) (fol 43).

7. Semgħet ix-xhieda ta' John Mary Fsadni in kontro-eżami illi saret fit-12 ta' Frar 2020 (fol 48).

8. Rat l-affidavit ta' Anthony Bezzina ippreżentat fit-22 ta' Settembru 2020 (fol 68) w il-konvenju datat 29 ta' Mejju tas-sena 2004 (fol 69).

9. Semgħet ix-xhieda ta' Anthony Bezzina in kontro-eżami mogħtija fl-14 ta' Ottubru 2020. (fol 72)

10. Rat illi fl-14 ta' Ottubru 2020 il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

11. Rat illi r-rikorrenti ppreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub fit-3 ta' Diċembru 2020.

12. Rat illi l-intimati ppreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub fit-12 ta' Jannar 2021.

13. Rat illi fit-3 ta' Frar 2021, il-kawża giet differita għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

14. Jirriżulta li r-rikorrenti konjuġi Fsadni huma proprjetarji ta' garaxx fi Triq Dun Mikiel Xerri, Attard, liema garaxx jinsab sovrapost il-proprjeta` tal-istess rikorrenti ċioe` d-dar "Flemington" Triq Dun Mikiel Xerri, Attard.

15. L-intimati konjuġi Bezzina, da parte tagħhom, huma proprjetarji tal-fond 199, "The Knot", Triq Dun Mikiel Xerri, Attard, liema proprjeta` inbiegħet lill-intimata permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Antoine Agius datat 3 ta' Marzu 1986.

16. Jirriżulta illi, maż-żmien, ir-rikorrent għamel żvilupp ġdid u ħoloq 'basement garage' jinfed mal-'basement garages' l-oħra fl-istess blokk. L-intimat stess

ikkonferma fix-xhieda tiegħu li r-rikorrent kien ħajru jixtri wieħed mill-garaxxijiet li kien jiġi taħt il-maisonette tiegħu.

17. Jirriżulta li, hekk kif l-intimati ddeċidew jakkwistaw il-garage, sar konvenju għall-akkwist tal-garaxx fid-29 ta' Mejju 2004 fl-atti tan-Nutar Joseph Debono u eventwalment il-kuntratt finali ġie ppubblikat fit-2 ta' Novembru 2004.

18. Fis-sena 2019, hekk kif l-intimat kien qed jagħmel xogħol fuq il-parapett tal-maisonette tiegħu, ir-rikorrent talbu sabiex jagħlaq l-air vents li kienu fil-basement garage akkwistat mill-intimat u li jagħtu għal fuq id-'drive-in' proprjeta` tal-atturi.

19. Jirriżulta illi l-intimat kien irrifjuta li jagħlaq it-twieqi in kwistjoni, u r-rikorrent stess kien għamel il-konkos fuq dawn l-air vents / twieqi.

20. Jirriżulta li sussegwentement, fl-14 ta' Mejju 2019 l-intimat kien kiteb lir-rikorrent, (fol 16), tramite l-avukat tiegħu, fejn wissieh biex jiftaħ mill-ġdid l-air vents mertu ta' dan il-każ. Infatti, in segwitu, għal dik l-ittra, ir-rikorrent kien reġġa' kollox kif kien u neħħa l-konkos.

21. Eventwalment, permezz ta' ittra datata 24 ta' Mejju 2019, (fol 17) l-intimat kien irringrazzja lir-rikorrent talli neħħa l-konkos minn fuq l-air vents u rega' fetaħhom u ndikalu illi peress li "*din it-tieqa kienet diġa' teżisti u kienet diġa' isservi l-iskop attwali ... bil-liġi din ġiet servitu kostitwita bid-destinazzjoni tas-sid ta' żewġ fondi – Art 457 (c) tal- Kap 16*".

22. Jirriżulta li permezz ta' ittra uffiċjali datata 1 ta' Lulju 2019, eżebita a fol 4 fejn ir-rikorrenti interpellaw lill-intimati jieqfu jivvessaw lir-rikorrenti u jimblokkaw l-air vents eżistenti li qed jippretendu li għandhom drittijiet fuqhom.

23. Jirriżulta bħala fatt illi bejn il-kuntratt ta' bejgħ, ossija is-sena 2004, u l-korrispondenza fuq indikata li seħħet fis-sena 2019, ossija għal perjodu ta' ħmistax-il sena, qatt ma kien hemm kwistjoni fuq dawn l-air vents.

24. Jirriżulta wkoll illi, għalkemm ma tissemma' tieqa imkien fil-kuntratt finali, referenza għal twieqi tal-aluminium issir fi klawsola 10 tal-konvenju datat 29 ta' Mejju 2004 eżebita a fol 69.

25. Dawn it-twieqi jagħlqu ġewwa tal-garaxx tal-intimat li jiżbokka fl-air vents taħt id-'drive' tar-rikorrent, u huma mgħottijin bi sprall.

**Kunsiderazzjonijiet**

26. Jirriżulta, mill-premessi, illi r-rikorrenti qegħdin, permezz tal-azzjoni preżenti, jikkontendu li l-intimati għandhom jieqfu jivvessaw lir-rikorrenti bil-pretensjonijiet li għandhom fuq drittijiet u/jew ksur tad-drittijiet pretiżi fuq l-air vents mertu ta' dan il-każ. Għalhekk, ir-rikorrenti talbu li f'terminu ta' tlett xhur

jiġi ordnat minn din il-Qorti sabiex l-intimati jiddeduċu l-pretensjonijiet tagħhom u jieqfu jivvessaw lir-rikorrenti.

27. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-konvenuti qajmu varji difiżi, kemm preliminari kif ukoll ta' sustanza. Preliminarjament eċċepew li l-azzjoni ta' jattanza proposta hawnhekk mhijiex ammissibbli stante li huma aġixxew b'reazzjoni provokata mill-pretensjonijiet u azzjonijiet tal-istess rikorrenti, fejn ir-rikorrenti abbużivament u kontra l-volonta` tal-intimati imbarraw l-air vents in kwistjoni. Fil-mertu, ġie eċċepit li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li ma jirrikorrux l-elementi meħtieġa biex tirnexxi l-azzjoni tentata minnhom.

## L-Ewwel Eċċzzjoni preliminari

28. Fl-ewwel eċċzzjoni preliminari, ġie sostnut li l-azzjoni tentata f'dan il-każ mill-atturi mhijiex ammissibbli stante li l-intimati aġixxew b'reazzjoni tal-istess rikorrenti wara li r-rikorrent imbarra l-air vents bil-konkos.

29. Ġie sostnut li billi l-atturi qabdu u mbarraw l-air vents kontra l-volonta` tal-istess intimati, l-intimati kellhom jirreaġixxu kontra dan l-att spoljattiv. Għalhekk, l-intimati aġixxew b'kawtela għall-konservazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom.

30. Infatti, wieħed mill-elementi ta' kawża ta' jattanza, li ser jiġi kkunsidrat ulterjorment aktar 'l isfel, huwa li l-pretensjoni trid tkun spontanea u mhux provokata bl-aġir tal-attur. Din hija ppernjata fuq il-fatt, li jekk il-pretensjoni tkun biss konsegwenza ta' provokazzjoni bl-aġir tal-attur, kawża ta' jattanza ma tistax tirnexxi. Dan il-prinċipju ġie kostantament ritenut fil-ġurisprudenza.

31. Fil-każ **Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 2003, rreferiet għal dak deċiż mill-ewwel Qorti:

> *"L-attur ma jistax jirnexxi b'din l-azzjoni meta l-millantazzjoni fl-att ġudizzjarju ssir wara provokazzjoni u għalhekk, ma tkunx spontanea."*

Il-Qorti tal-Appell f'dan il-każ ikkonfermat dak li qalet l-ewwel Qorti, u ġie ritenut is-segwenti:

> "*Wieħed mir-rekwiżiti tal-millantazzjoni huwa che l'atto non costituisca una ragione di necessita` o una cautela giuridica (Kollez. Vol X pag.167); u huwa prinċipju fid-duttrina u fil-ġurisprudenza li meta jkun l-attur fil-ġudizzju ta' jattanza li jkun ipprovoka l-protesti tal-konvenut, l-azzjoni ta' jattanza mhijiex ammissibbli.*"

32. Fil-każ in eżami, joħroġ ċar mix-xhieda mressqa li l-intimat aġixxa bl-ittra interpellatorja biex jikkawtela d-drittijiet tiegħu wara l-provokazzjoni tal-attur meta mbarra l-air vents bil-konkos. Infatti, l-attur reġġa' kollox għas-sitwazzjoni

preċedenti u fetaħ l-air vents in segwitu għall-ittra interpellatorja tal-intimat. Konsegwentement, huwa evidenti li l-azzjoni tentata mill-atturi mhijiex ammissibbli.

33. Għaldaqstant, jirriżulta illi dina l-eċċezzjoni timmerita illi tintlaqa' favorevoment.

**Meritu tal-każ**

34. Jiġi osservat li din hija kawża ta' jattanza fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jipproċedu entro t-terminu impost bil-pretensjonijiet tagħhom rigward l-air vents in kwistjoni.

***Elementi ta' Jattanza***

35. Il-kawża esperita mill-atturi hija dik ta' jattanza jew kif aħjar magħrufa bħala ta' millantazzjoni. Dwar dan l-**Artikolu 403 tal-Kap 12** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> "*Meta f'atti ġudizzjarji, jew xorta oħra bil-miktub, persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretensjoni tista' fi żmien sena mill-istess pretensjoni, titlob b'ċitazzjoni, li jiġi mogħti żmien lill-persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni, u li fin-nuqqas ta' dan, jiġi lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni.*"

36. Mill-insenjament tal-ġurisprudenza nostrana, jirriżulta li l-elementi rikjesti għal din l-azzjoni huma:

    a. L-attur irid ikollu **pussess**, almenu *de facto* u *prima facie* tal-oġġett li jkun qed jikkawtela (Vol XX-II-338).

    b. Il-konvenut ikun **bil-miktub ressaq pretensjoni** fuq l-oġġett (Vol XXXII-II-287 u XLII-II-1146).

    c. Il-pretensjoni trid tkun **spontanea** u mhux provokata bl-aġir tal-attur – Vol XXIV-II-358 u XXXI-I-494).

    d. Il-pretensjoni trid ikollja l-karattru li tista' tiġi eżerċitata b'**azzjoni ġudizzjarja** (Vol-XXXIII-II-287).

    e. Il-millantazzjoni jkollha **skop determinabbli** speċifiku jew kapaċi li jiġi speċifikat.

    f. Il-pretensjoni **m'għandhiex tkun kondizzjonata** jew tiddependi minn fatt li jista' jiġri u ma jiġrix.

37. Dawn l-elementi jew rekwiżiti ġew elenkati fil-kawżi **Tabone vs Galea** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-11 ta' Diċembru 2003; **Angelo Rev. Carmelo Consiglio et vs Tereza Gatt et** (508/2002/1) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fis-7 ta' Jannar 2005.

**Eċċezzjonijiet ta' pussess u spontanjeta'**

38. Fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati sostnew li l-ewwel u t-tielet elementi tal-kawża ta' jattanza huma neqsin, billi l-ewwel element tal-pussess esklussiv tal-atturi ma jissussistix u t-tielet element ta' spontanjeta' huwa wkoll nieqes.

**Pussess**

39. L-atturi fis-sottomissjonijiet tagħhom, sostnew li l-elementi għal-kawża ta' jattanza jissussistu. Sostnew li fix-xhieda tiegħu, l-attur xehed li meta biegħ il-'*basement garage*' lill-intimat, kien għarrfu li l-air vents kienu ser jingħalqu u għalhekk, permezz ta' din il-verżjoni, l-attur qed jivvanta pussess fuq l-air vents. Din it-tezi tal-attur hija wkoll ikkonfermata fix-xhieda ta' martu Mary Fsadni, fejn ikkonfermat li kien hemm ftehim verbali biss bejn il-partijet fuq l-air vents in kwistjoni.

40. Il-Qorti tosserva illi tali argument da parte tal-atturi ma jistax jirnexxi għaliex kemm fil-konvenju kif ukoll fil-kuntratt ta' bejgħ tal-garage ma ssemma' xejn dwar dan, b'hekk, anke f'każ li kien hemm ftehim verbali kif sostnut mill-attur, dan ma jagħtix pussess esklussiv lill-attur. Fil-fehma tal-Qorti, din it-teżi tal-atturi ma treġġix.

41. Il-Qorti tirrileva li, mir-riżultanzi fattwali jirriżulta li l-air vents/twieqi fil-basement garage tal-intimat li jiftħu fid-'drive' tal-atturi, saru mal-bini tal-istess garage, meta din il-proprjeta` kien għadha proprjeta` tal-atturi. Fid-dawl ta' dan, l-intimati issottolineaw li bl-ebda mod l-attur ma jista' jipretendi li għandu pussess esklussiv fuq l-air vents in kwistjoni.

42. Jirriżulta, mix-xhieda ta' l-intimat, illi l-attur kien ħajru jixtri wieħed mill-garaxxijiet fil-basement level, u l-intimat kien għażel proprju dan il-garage minħabba l-air vents/twieqi li jagħtu dawl u arja – vide fol 67.

43. Jirriżulta, di fatti, li fil-konvenju datat 29 ta' Mejju 2004, hemm indikat proprju fi klawsola 10 tal-konvenju:

> "*Il-venditur jobbliga ruħu li jikkompleta s-segwenti xogħolijiet u ċioe` l-bieb tal-garage tal-metall, twieqi tal-aluminium, kisi min-naħa ta' barra, l-isprall.*" (fol 69).

/

44. Il-Qorti tirrileva li referibbilment għall-ewwel rekwiżit għall kawża ta' jattanza, l-attur ma jistax jippretendi li għandu pussess esklussiv tal-imsemmija air vents, anke in vista tal-fatt li dawn l-air vents/twieqi kienu imsemmija fil-konvenju preċedentement għall-akkwist tal-'garage' bl-air vents tal-intimati kif jidher a fol 69 tal-proċess.

45. Bl-ebda mod ma jirriżulta mill-assjem tal-provi u mill-atti tal-każ li l-attur kellu pussess esklussiv ta' l-air vents mertu ta' dan il-każ. Dwar l-ewwel element tal-pussess, f'kawża ta' jattanza, fil-każ suċitat **Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina noe**. L-ewwel Qorti kienet irreferiet għall-każ **Contessina Maria Teuma Castelletti vs Angelo Camenzuli** (Kollez. Vol. XXVI.I.485) fejn ingħad hekk:

> "*Attesoche, come venne piu volte deciso dai nostri Tribunali, non si puo muovere azione di jattanza quando il possesso della cosa circa la quale ha luogo la millantazione, si trove presso il convenuto.*"

46. Issir referenza ukoll għall-każ **Pellegrini vs Sammut** deċiż mill-Qorti tal-Appell deċiża fl-1 ta' April 1920, fejn kien intqal:

> "*… lo attore in jattanza, volendo prevalersi del rimedio accordato con l'articolo 425 delle leggi di Organizzazione e procedura Civile deve provare d'essere non soltanto possessore della cosa in litigio, ma di essere in confronto del convenuto il solo possessore*."

**<u>Spontanjeta'</u>**

47. Mill-assjem tal-provi jidher ċar li l-kwistjonijiet u l-pretensjonijiet dwar l-imsemmija air vents bdew fl-2019 meta l-intimat inkariga ħaddiema għal xogħolijiet fil-parapett tal-maisonette tiegħu. L-attur kien fl-2019 talbu jagħlaq dawn l-air vents u meta l-intimat irrifjuta, l-attur fl-10 ta' Mejju 2019 kien għamel il-konkos fuq dawn l-air vents minn jeddu mingħajr il-permess tal-intimati. Sussegwentement, l-intimati kienu interpellaw lill-attur permezz ta' ittra datata 14 ta' Mejju 2019 tramite l-avukat tagħhom, eżebita a fol 16 tal-proċess, fejn wissieħ ireġġa' kollox kif kien preċedentement. In segwitu għal din l-ittra, l-attur reġa' fetaħ l-air vents u reġġa' kollox kif kien. Meta l-attur reġa' fetaħ l-air vents, l-intimat reġa' bagħat ittra tramite l-avukat tiegħu, liema ittra hija datata 24 ta' Mejju 2019, (fol 17) eżebita mal-istess risposta tal-intimat fejn irringrazzja lill-attur li reġa' fetaħ l-air vents.

48. Il-Qorti tosserva li dawn il-fatti huma kollha ammessi u kkonfermati mill-attur fix-xhieda tiegħu, fejn fl-ewwel lok ikkonferma li dawn l-air vents kienu intiżi għad-dawl u l-arja peress li oriġinarjament dan il-garage kien maħsub li se jinżamm minnu stess, u ċioe` mill-attur. L-attur ikkonferma wkoll li għal ħmistax-il sena sħaħ ma kien għamel xejn u ma kien hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet fuq l-air vents mertu tal-kawża odjerna. Ġie kkonfermat ukoll mill-attur fil-

kontro-ezami tiegħu, li hu kien għalaq l-air vents u reġa' fetaħhom wara li kien ġie interpellat mill-intimat permezz tal-ittra datata 14 ta' Mejju 2019

49. Jirriżulta ċar li kien biss in segwitu għal dawn l-avvenimenti kif ikkonfermati mill-istess attur, li l-attur bagħat ittra lill-intimati tramite l-avukat tiegħu. Għalhekk, din il-Qorti tqis li l-element ta' spontanjeta` huwa karenti, proprju għaliex jidher ċar li l-ittra li fuqha l-attur qed jibbaża din il-kawża intbagħtet in segwitu għal dak li kien seħħ u in segwitu għall-ittra tal-istess intimat hawn fuq imsemmija.

50. Għalhekk, huwa evidenti li l-ewwel provokazzjoni seħħet mill-attur.

51. Fuq skorta ta' ġurisprudenza, meta l-attur ikun ipprovoka l-kwistjoni hu ma jistax jiprevalixxi ruħu minn din l-azzjoni. (Ara **Madliena Developments Limited** vs **Uffiċju Konġunt** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fis-6 ta' Frar 2004). Fil-fatt, kif ritenut fil-każ **Buhagiar vs Busuttil** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-22 ta' Ottubru 1999:

> "*Meta l-attur mexxa jew ġab 'il quddiem kontra l-konvenut xi pretensjoni u dan biex jillibera ruħu minn dik il-pretensjoni, jġib raġuni għaliex qed jirrespinġi dik il-pretensjoni allura d-dikjarazzjoni ma tkunx iżjed waħda spontanja imma tassumi kwalita` ta' dikjarazzjoni ta' dritt provokata. Il-konvenut f'każijiet bħal tal-aħħar ikun qed jeżerċita d-drittijiet tiegħu*."

52. L-intimati fis-sottomissjonijiet tagħhom, in sostenn għal dan l-argument tagħhom, jirreferu għall-każ **Maestro Joseph Gatt vs Joseph Aquilina noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 2003 fejn ingħad li

> "*huwa prinċipju fid-duttrina u fil-ġurisprudenza li meta ikun l-attur fil-ġudizzju ta' jattanza li ikun ipprovoka l-protesti tal-konvenut, l-azzjoni ta' jattanza mhijiex ammissibbli. Kif qal il-Rodolfino (Alleg. V, para.19), ut intret remedium legis diffamari requiritur spontanea diffamatio sine causa; secus si fiat ex aliquo jure seu causa excludente praesumptionem calumniae*."

53. Relevanti wkoll huwa l-każ **Emanuela Attard vs Joseph Attard** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 2007 fejn ġie osservat:

> "*… jidher li l-iskambju ta' ittri beda mill-attriċi għaliex l-att indikat mill-attriċi fiċ-ċitazzjoni tagħha kien wieħed responsiv u għalhekk dan ir-rekwiżit jirriżulta wkoll fil-fehma tal-Qorti*."

54. Għalhekk, jirriżulta ampjament ċar fil-każ in eżami, li l-ittra mibgħuta mill-attur in segwitu għall-ittri tal-intimat ma kinux spontanji iżda provokati mill-pretensjoni ta' proprjeta` tal-attur fuq l-air vents in kwistjoni.

55. Għalhekk, in vista tas-suespost, jirriżulta ampjament mill-provi u mill-atti tal-każ, li l-azzjoni odjerna tfalli fuq l-ewwel u t-tielet rekwiżit tal-azzjoni ta' jattanza tentata mill-atturi.

56. Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, din il-Qorti ser tiċħad it-talbiet tal-atturi.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha u rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrenti u tal-intimati;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u għalhekk;

**Tiċħad** it-talbiet ta' l-atturi.

**L-ispejjeż** għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur